Decizzjoni Numru 1723

Kaz Numru 2250/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Rosanne Puglisevich

U

Eurochange Financial Services Limited (C 23282)

Dwar Allegazzjoni ta' tkeccija mill-impjieg li hi ingusta

Illum 2 ta' Ottubru 2006

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara dikjarazzjoni tal-kaz li gie ipprezentat quddiem it-Tribunal Industrijali datat 2 ta' Frar 2005 minn Rosanne Puglisevich fejn talbet illi dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali u jiddeciedi dwar jekk ir-raguini ta' redundancy hix wahda genwina u ghalhekk ir-raguni tat-tkeccija hija wahda valida skond il-Ligi.

Rosanne Puglisevich maghrufa bhala l-appellant kien assistit minn Dr. George Abela u ghall-Eurochange Financial Services Limited deher l-Avukat Dr. Peter Fenech.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjarat li bdiet tahdem fil-5 ta' Awissu 2002 bhala full-time Business Development Officer mas-socjeta intimata u fil-2 ta' Dicembru 2004 minhabba allegata redundancy giet

imkeccija meta fil-fatt ir-raguni tat-tkeccija kienet tilwima zghira dwar xi tnaqqis ta' paga li marret isaqsi fuqha mal-manager taghha.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li waqfet lill-appellanti mix-xoghol taghha minhabba li l-posizzjoni taghha bhala Business Development Officer ma kinetx aktar sostenibbli fil-qasam kompettiv finanzjarju.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi u l-ewwel xhud kienet Marisa Bugelli li tahdem mas-socjeta Eurochange Financial Services Limited. Hi xehedet illi ghall-habta ta' Frar 2004 kien hemm gja l-intenzjoni li jaghhmel ix-xoghol tal-appellanti redundant u meta wasal Ottubru 2004 hadu ghalhekk id-decizzjoni. Minnflok infurmawha qabel il-Christmas kellhom jinfurmawha bid-decizzjoni wara l-Christmas. Ix-xhud tghid li tiftakar illi kien hemm xi incident maghha dwar xi kwistjoni ta' leave pero minhabba l-attitudini taghha ta' ghajjat u twerzieq hi infurmatha dak il-hin li x-xoghol gie terminat minhabba redundancy. Illum dahal kaxxiera part-time u recentement dahhal Retail manager. Ix-xhud irrispondiet li m'hemm hadd li jaghmel il-marketing. Ir-retail manager jiehu hsieb il-hanut u il-klijenti huma it-turisti u ghalhekk ma hemmx bzonn ta' marketing per se.

Xehedet Anne Dimech li tahdem bhala Assistant Manager Operations Department fejn xehedet illi sabet li l-appellanta hadet xi granet leave zejda u dan madwar tmien granet. Qalet ukoll illi semghet lill-appellanta tghajjat ma' Marisa pero ghalekmm ma tifhimx bil-malti semghet lir-Rosanna tghajjat u thabbat il-bibien u din ix-xenata damet serjà ghal inqas minn siegha. Fil-fatt qalet ukoll illi tnaqqsitilha il-paga. Wara l-incident akkumpanja lill-appellanta Charles Gerada barra mill-ufficcju. Sal-gurnata li xehedet Anne Dimech tghid li ma dahlux persuni li kienu jaghmlu ix-xoghol tal-appellanti.

Xehedet Rosanne Pugliesevich fejn qalet illi xoghola kien ta' full time Business and Development Officer mal-Eurochange Financial Services Limited u giet imkeccija fil-3 ta' Dicembru 2004 minhabba redundancy. Xogholha kien jikkonsisti billi tmur ghand il-klijenti biex tigbed il-business lejn il-kumpanija. Meta dahlet tahdem kien hemm

madwar sebghin swift transfer qabel ma telqet kien hemm madwar seba' mija u Mark Gatt id-direttur kien jifirhilha.

Kien hemm incident li meta maret tigbor ic-cheque li issoltu jkun madwar hames mitt Lira Maltin (LM500) issa kien biss ta' circa tlett mitt Lira Mlatin (LM300). Meta kellmet lill-Marisa Bugelli infurmatha illi minhaba xi leave zejda li hadet il-kumpanija kellha tnaqsilha l-paga. Tiftakar li qaltilha min ser jitma t-tfal taghha u giet infurmata illi din missa rata qabel. Tant kienet dispjecuta li f'xi hin daret fuq l-istess Marisa Bugelli u qaltilha veru ghandek stonku fejn dak il-hin Marisa Bugelli informatha li you are fired. Ix-xhud tghid li baqghat skantata u meta ratha tinsisti u giet kkumpanjata barra mill-ufficcju telqet. Ix-xhud tghid ukoll illi ma Marisa Bugelli fuq ix-xoghol qatt ma kellha xi tghid maghha.

Xehed ukoll Charles Vella-Bonavita li huwa Corporate Development Executive fejn qal li x-xoghol tal-appellanti kien biex iggib ix-xoghol lejn il-kumpanija. Qal li x-xoghol zied meta dahlet l-appellanta pero ma kienx f'posizzjoni li jghid kemm dahlet flus ghall-kumpanija. Hu ma kienx prezenti meta kien hemm xi incident. L-istess Charles Vella-Bonavia pprezenta xi dokumenti li juru l-ammont ta' money-transfers u swifts minn 2002 sa 2004. Mid-dokumenti jidher illi kien hemm zieda sostanzjali ta' money-transfers.

Xehed ukoll Eric Brimmer li huwa l-accountant tal-kumpanija fejn xehed illi huwa l-accountant mill-bidu net u kellu struzzjonijiet minghand Marisa Bugelli sabiex tintela t-termination form hekk. Xehed ukoll illi l-profitti zeidu u mhux naqsu maz-zmien.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u evalwa d-dokuemti estenzivi li gew prodotti u x-xhieda kollha li xehdu fil-kas.

It-Tribunal ra ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Illi t-Tribunal jibda biex jghid illi jinnota illi xoghol tal-appellanta kien specifikament ta' Business Development Officer mas-socjeta intimata u li gie terminat fil-2 ta' Dicembru 2004 wara xi sentejn xoghol.

Jinnota ukoll illi fix-xoghol taghha hija maret tajba ghax zied in-negozju u t-turnover ghalkemm huwa gust il-kumment tas-socjeta Eurochange Financial Services Limited li dan ma jistax jwassal ghall-konkluzzjonijiet ezatti kemm minhabba l-fatt li ma jistax jinghad kemm gabet xoghol l-appellanta kif ukoll zieda fit-turnover ma jfissirx aktar qligh pero dan huma kompitu tal-istess socjeta tipprova dak li qieghda tghid jew tallega u mhux il-kompitu tal-appelanta jew tat-Tribunal.

It-Tribunal qieghed jaghmilha cara illi qieghed jaghti hafna importanza ghall-incident li tat lok ghat-tkeccija tal-appellanta. It-Tribunal jara difficli li jkun konvintt li waqt battibekk shuna, u qieghed jaghmilha cara li qieghed jemmen li kienet shuna, l-appellanta tigi imkexxija u wara tinghata r-raguni tat-tkeccija li kienet ta redundancy meta fis-sahna tal-battibekk l-appellanat giet imkeccija.

It-Tribunal ukoll qieghed jaghmilha cara illi impjegat ma jistax juza din l-attitudini mal-principal tieghu u jipprova johodha mieghu jew maghha meta irrizulta car u tond li l-istess appellanta kienet fit-tort ghax hadet granet zejda fil-leava. Minhabba l-fatt li din hija kumpanija ta' ftit impjegati u nghid ftit ghax ma hemmx mijiejt illi bhala employee relationship tajba it-Tribunal jistenna illi l-appellanta kienet tkun infirmata ghalmenu bil-fomm li hadet leave zejda u li ghalhekk kienu ser jitnaqqsula mill-paga b'hekk seta jigi evitat dawn l-incidenti kollha. Fuq il-posttax-xoghol ir-rispett ghadu ikun recipruku u ghandna niftakru illi impjegat mhuwiex semplicment numru u nahdmu l-accounts minghajr ma jigi infurmat li ser titnaqqas il-paga. Di piu l-appellata zbaljata ghax hi imissha hadet rendikont ezatt ta' kemm hadet granet leave u mhux tkun traskurata jew tagheml ta' bir-ruhha li ma tafx ghax forsi il-principal ma jindunax. Jekk l-appellata ghalhekk hija daqshekk traskurata fuq il-leave taghha wiehed ma jistax jimmagina xi jsur fuq ix-xoghol.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements, dokumenti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li l-kumpanija Eurochange Financial Services Limited ma kellhiex ragun

tkecci lill-impjegat ~~John Bartolo~~ minhabba ragunijiet ta' redundancy pero minhabba c-cokon tal-kumpanija ma tistax tordna re-instatement tal-istess Rosanne Pugliesevich.

Ghaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeciedi billi jilqa dan l-appell u jordna lis-socjeta Eurochange Financial Services Limited thallas is-somma ta' elf Lira Maltin (LM1,000) bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbghin Lira Maltin (LM40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr. Martin Fenech
Chairman

Vera Kopja

Vincent Micallef
Segretarju